

- 6) Liema proprjetajiet fiżiko-kimiċi ta' merkanzija li għandha tiġi kklassifikata huma determinanti għall-finijiet tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni korretta tal-Kodiċi 1518 00 31 u 1517 90 91 tan-NM tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana?
- 7) Il-Kodiċi 1518 00 31 tan-NM tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, għandu jiġi applikat għal merkanzija li tippreżenta proprjetajiet fiżiko-kimiċi bħal dawk li ġew ikkonstatati f'din il-kawża?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn Curtea de Apel Cluj (ir-Rumanija) fil-25 ta' Mejju 2015
– proċeduri kriminali kontra Niculaie Aurel Bob-Dogi**

(Kawża C-241/15)

(2015/C 245/15)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Curtea de Apel Cluj

Parti fil-kawża prinċipali

Niculaie Aurel Bob-Dogi

Domandi preliminari

- 1) Għall-iskopijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Qafas [2002/584/ĠAI] ⁽¹⁾, l-espressjoni "eżistenza ta' mandat ta' arrest", għandha tinftiehem bħala li tirreferi għal mandat ta' arrest nazzjonali – intern – maħruġ konformement mad-dispożizzjonijiet proċedurali tal-Istat Membru emittenti, jiġifieri differenti mill-mandat ta' arrest Ewropew?
- 2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, l-ineżistenza ta' mandat ta' arrest nazzjonali – intern – tikkostitwixxi raġuni impliċiti għal nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew?

⁽¹⁾ Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Østre Landsret (id-Danimarka) fit-28 ta' Mejju 2015 –
Wind 1014 GmbH, Kurt Daell vs Skatteministeriet**

(Kawża C-249/15)

(2015/C 245/16)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

Qorti tar-rinviju

Østre Landsret

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Wind 1014 GmbH, Kurt Daell

Konvenut: Skatteministeriet

Domandi preliminari

- 1) Huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari mal-Artikolu 56 TFUE, li vettura li tkun is-suġġett ta' kuntratt ta' leasing bejn kumpannija leasing iddomiċiljata fi Stat Membru u kerrej iddomiċiljat jew stabbilit fi Stat Membru ieħor (ara t-tieni domanda iktar 'il quddiem) essenzjalment ma tistax tintuża fit-toroq ta' dan l-Istat Membru tal-aħħar filwaqt li l-awtoritajiet ikunu qiegħdin jipproċessaw applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' ħlas tat-taxxa ta' reġistrazzjoni *pro rata* fir-rigward ta' din il-vettura għall-perijodu ta' użu mixtieq tal-vettura f'dan l-Istat Membru?
 - 2) Huwa kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari mal-Artikolu 56 TFUE, li miżura nazzjonali tissuġġetta għall-awtorizzazzjoni preliminari r-reġistrazzjoni/il-ħlas tat-taxxa *pro rata* fir-rigward tal-vettura biss għal użu temporanju, u mhux għal użu permanenti, jew li tali miżura timplika
 - (i) li l-awtoritajiet jissuġġettaw l-użu immedjat tal-vettura għall-ħlas sħiħ tat-taxxa tar-reġistrazzjoni Daniża, u li d-differenza bejn l-ammont tat-taxxa sħiħ u l-ammont tat-taxxa *pro rata* li jkun ġie kkalkolat tiġi rimborsata, flimkien mal-interessi, jekk l-awtorizzazzjoni tingħata sussegwentement u/jew
 - (ii) li l-awtoritajiet jissuġġettaw l-użu immedjat tal-vettura għall-ħlas sħiħ tar-reġistrazzjoni tat-taxxa, u li din ma tkunx aġġustata, u li l-kumpliment ma jiġix irrimborsat meta jintemm l-użu temporanju, fil-każ li ma tingħatax l-awtorizzazzjoni?
-